KUNSILL NAZZJONALI
TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

# RAPPORT ANNWALI 2016/7

VUĊI WAĦDA, VUĊI ŻGĦAŻUGĦA

www.knz.org.mt

50, Lion Street, Floriana

info@knz.org.mt

# RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2016/7

F'dan ir-rapport annwali għandkom issibu sena ħidma tal-Eżekuttiv li tela f'Awissu 2016. Kull membru tal-Kunsill se jkun qiegħed jippreżenta xogħlu fi ħdan il-Kunsill.

Ir-rapport ġie preżentat fil-laqgħa ġenerali annwali li saret nhar t-22 ta' Novembru 2017 u li għaliha attendew l-għaqdiet membri.

Għall-iktar informazzjoni inħeġġukom tagħmlu kuntatt magħna.

Tistgħu ssegwuna permezz tal-mezzi soċjali, ninsabu fuq Facebook, Twitter kif ukoll fuq Instagram.

President
Michael Piccinino

Segretarju Ġenerali
Sean Ellul

2016/7

# KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ





# WERREJ


5 Il-President
8 Il-Viċi President
10 Is-Segretarju Ġenerali
12 Id-Deputat Segretarju Ġenerali
14 L-Uffiċjali Finanzjarju
16 L-Uffiċjal ta' Relazzjonijiet Pubbliċi
18 L-Uffiċjal Nazzjonali
21 L-Uffiċjal għall-Politika u d-Drittijiet
23 Il-Kummissarju għas-Servizzi taż-Żgħażagħ
27 L-Uffiċjal Internazzjonali
30 L-Uffiċjal Reġjonali Għal Għawdex
32 *Liaison Officer* Għal Għawdex
35 L-Uffiċjal tal-Proġetti
37 L-Uffiċjal Għall-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea

Michael **PICCININO**
il-President

Ftit inqas min sena u nofs ilu, ġejt elett fil-kariga ta' President ta' dan il-Kunsill. Kif konna wegħdna meta ġejna eletti, rajna li l-ħidma tal-Kunsill tibqa' għaddejja u tibni fuq li kien hemm - fejn kien hemm affarijiet li mixjin tajbin u iktar importanti min hekk, tirranġa kemm jista' jkun malajr dawk il-postijiet li forsi kien hemm xi affarijiet sejrin inqas tajbin. Bħala President, ħdimt viċin kull wieħed u waħda mill-membri l-oħra tal-eżekuttiv sabiex nagħmlu żgur li nkabbru l-ħidma tal-kunsill b'kull settur. Bdejt billi nara li mill-membri tal-eżekuttiv ikun hemm 2 membri li ikunu direttament qegħdin jaħdmu fuq Għawdex u persuna oħra tahdem fuq il-Presidenza tal-Kunsill tal-EU, apparti l-karigi l-oħrajn statutorji. Personalment irrappreżentajt il-Kunsill f'diversi laqgħat u attivitajiet oħra. Fuq livell internazzjonali, irrappreżentajt il-Kunsill f'żewg laqgħat statutorji tal-European Youth Forum u anke f'xi laqgħat tas-Southern Youth Councils, apparti li ospitajnihom f'Malta fi Frar li għadda. Attendejt il-Konferenza taż-Żgħażagħ organiżżata mil-Kummissjoni Ewropea kemm f'Malta u anka fl-Estonja. Fuq livell nazzjonali, tajt l-assistenza kollha sabiex inwessgħu l-attivitajiet tagħna sabiex nolqtu kemm jista jkun iktar żgħażagħ bil-ħidma tal-Kunsill. Wara l-Presidenza tal-Kunsill tal-EU, rajt ukoll li jkollna persuna li taħdem fuq proġetti ġodda tal-Kunsill ħalli nibqgħu nżidu dejjem iktar il-ħidma tagħna.

2016/7



Għall-ewwel darba f'diversi snin, rajt li l-Kunsill jorganizza attivitajiet speċifikament ġewwa Għawdex bħal debating competition, apparti li attivitajiet tal-Kunsill bhan-'National Youth Blood Donation Campaign' ġiet estiża wkoll għal Għawdex.  Fuq livell ta' policy, eżattament malli ġejt elett, imbuttajt il-policy li diġa kellu l-Kunsill favur il-vot 16. fejn b'ħafna xogħol wasalna sabiex il-Partiti prinċipali kollha daħħlu fil-programmi elettorali tagħhom il-wegħda li jidħol il-vot 16 għall-elezzjonijiet kollha u wasalna biex il-gvern beda konsultazzjoni fuq is-suġġett. Bħala Kunsill, waħda mill-affarijiet li immirajna għaliha meta ġejna eletti kienet li iridu nkunu iktar rappreżentattivi u sabiex nagħmlu dan immirajna li nkunu iktar preżenti fl-istituzzjonijiet li huma responsabli li jirrappreżentaw lis-soċjeta' ċivili. Għalhekk bdejna b'ħidma sabiex inkunu iktar preżenti fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-MEUSAC, sabiex f'Settembru li ghadda jien ġejt nominnat mil-KNŻ u sussegwentament, ġejt elett fl-għaqdiet membri tal-MEUSAC sabiex inkun rappreżentant tas-soċjeta' ċivili fil-Core Group tal-MEUSAC.
Kif ukoll, ġejt appuntat fuq il-Bord tal-Aġenzija Żgħażagħ, kumitat li xogħlu hu li jagħti ideat lit-tmexxija tal-Aġenzija fuq kif l-aħjar jigi żvillupat il-ħidma tal-Aġenzija sabiex jolqot iktat żgħażagħ mill-aħjar.

2016/7

Apparti dawn l-affarijiet, l-iktar li iffukajt l-enerġija tiegħi f'dan iz-zmien kien fuq affarijiet amministrattivi sabiex nara li l-Kunsill ikollu l-pedamenti sabiex ikun jista' jikber fil-futur. Qiegħed nieħu ħsieb il-proċess sabiex il-Kunsill jiġi rikkonoxxut bhala V/O skont il-Liġi ta' Malta u għalhekk mexxejt it-taħdidiet kemm mal-gvern u kemm magħkom l-ghaqdiet sabiex il-gvern ma jibqax jinnomina nies fuq l-eżekuttiv tal-KNŻ kif kien jagħmel fil-passat u fuq dan irnexxilna nilħqu ftehim. Ħdimt ukoll direttament sabiex ikun ri-evelwazzjoni tal-membri tal-Kunsill sabiex filwaqt li lqajna membri ġodda fi ħdan il-Kunsill, bdejna l-process biex naraw li dawk l-għaqdiet li ma baqawx f'eżistenza u/jew m'għadhomx jilħqu r-rekwiżiti meħtiega sabiex ikunu membri tal-Kunsill ma jibqgħux membri.

2016/7

## Naomi **BUGRE**
## il-Viċi President

L-irwol tal-Viċi President hu dak li jgħin fl-immaniġjar tal-eżekuttiv kif ukoll li jżomm lill-organiżżazzjonijiet membri fi ħdan il-Kunsill fil-qalba tal-ħidma tal-Kunsill. U kien propju għalhekk li l-ewwel ħaġa li saret kienet li jkollna 'Info Pack'. L-'Info Pack' ta l-opportunita' lill-membri għaqdiet isiru iktar familjari mal-Kunsill, kif ukoll jgħin lill-membri prospettivi jsiru jafuna. Kellna diversi avvenimenti informali biex b'hekk l-għaqdiet fi ħdan il-kunsill isiru jafuna u aħna lilhom, kif ukoll noħloqu spazju ta' networking. Eżempju ta' dan kien propju l-avveniment 'Meet and Mingle'. Kellna diversi avvenimenti oħra li għenu biex il-membri jsiru jafu aħjar lill-xulxin.

Iffurmajna wkoll tim biex jieħu ħsieb il-midja magħmul minn voluntiera. Dan sar  sabiex ix-xogħol tagħna jkun iktar viżibbli u aċċessibli għall-membri tagħna, kif ukoll għaż-żgħażagħ f'Malta u Għawdex. Il-politika' u r-rakkommadazzjonijiet huma parti kbira mix-xogħol tagħna tal-Kunsill. Sar xogħol ukoll fuq numru ta' suġġetti fosthom l-protezzjoni umanitarja u THPn u ħriġna dokumenti b'diversi rakkommandazzjonijiet. Organiżazzjna ukoll 'Raise Your Voice', li kien possibli b'kollaborazzjoni ma' talenti lokali u New York Best. Minnu ħareġ dokument ta' politika kontra r-razziżmu li ġie ppreżentat lill-politiċi.

2016/7



Xogħolna barra minn Malta kien importanti ukoll, u ssapportjana diversi inizzjattivi filwaqt li komplejna nsaħħu r-rabtiet tagħna mal-European Youth Forum, speċjalment mas-Southern Youth Council bloc. Laqgħa tal-bloc ta' SYC kienet pjanata u organizzata mill-President u l-Viċi President tal-Kunsill f'Malta. Kien hemm numru ta' laqgħat li saru fis-Serbja u Rumanija. Kienu preżentati emendi waqt il-Kumitat tal-European Youth Forum f'Brussell dwar id-drittijiet taż-żgħażagħ LGBTIQ+ fi stati membri tal-UE, kif ukoll rakkomdazzjonijiet ta' infurzar ta' mekaniżmi li jipproteġu l-komunita' fit-Turkija u fir-Russja.

2016/7

## Sean **ELLUL**
## is-Segretarju Ġenerali



Bħala Segretarju Ġenerali tal-KNŻ kelli l-opportunita' li naħdem ma' kull uffiċju tal-Kunsill biex nassigura li l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill jseħħ b'kwalita' ta' livell għoli.

Allavolja kont involut fil-ħidma ta' kważi kull proġett tal-Kunsill, xorta waħda kelli l-opportunita' li norganizza l-'National Blood Donation Campaign', fejn attirajna 'il fuq minn 60 organizzazzjonijiet biex jgħinuna fl-għajta nazzjonali tagħna għall-għoti tad-demm.

Kelli l-opportunita' ukoll li naħdem fuq l-affarijiet internazzjonali tal-Kunsill, fejn irrappreżentajt il-Kunsill fuq diversi training courses u laqgħat politiċi.

Wara sena ta' ħidma, jiena cert li l-KNŻ huwa lest għal sena oħra ta' produttivita', proattivita' u rappreżentazzjoni nazzjonali, u għalhekk ninsab ħerqan biex nkompli naħdem mal-kollegi brillanti tiegħi għall-benefiċċju taż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

2016/7







2016/7

Graham **SANSONE**
id-Deputat
Segretarju Ġenerali

Bħala deputat segretarju ġenerali, f'Marzu li għadda kellhi miżjud ukoll l-irwol li nirrappreżenta liż-żgħażagħ ħaddiema. Dan il-grupp taż-żgħażagħ mhumiex organiżżati f'pajjiżna. L-irwol tiegħi jgħin li dawn iż-żgħażagħ li jkunu qegħdin iffittxu l-għajnuna sabiex jsibuha fl-istrutturi tagħna.

L-irwol prinċipali tiegħek fl-eżekuttiv hu li nżomm il-minuti kollha li jsiru fi ħdan il-Kunsill, kif ukoll nżomm ir-rekords tal-Kunsill aġġornati.

Wara li sirt ukoll Uffiċjal għaż-Żgħażagħ Ħaddiema, bdejt naħdem biex nagħmlu lista ta' żgħażagħ li mhumiex organiżżati f'għaqdiet permezz ta' subscribers' list. L-għan prinċipali kien li jibdew jirċievu informazzjoni u tagħrif dwar ix-xogħol tagħna. B'dan il-mod nkunu qegħdin nilħqu iktar żgħażagħ lil'hinn mill-membri tagħna u dawn ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet tagħna.

F'Ġunju li għadda ħdimt fuq proġett li kien immirat lejn studenti li jkunu se jieħdu s-suġġetti li jaqgħu taħt VET fil-livell sekondarju. Minħabba l-background tiegħi fit-trade unions, kif ukoll l-professjoni tiegħi ta' edukatur,

2016/7



ħassejt li kelli nlaqqa' s-suġġetti li huma offruti fil-livell ta' VET mal-industrija, dan għaliex dal-aħħar ħames snin dawn kienu dejjem limitati sal-klassi. Għażilt VET Hospitality u bdejt naħdem fuq kollaborazzjoni bejn l-iskola u l-lukanda Hilton, dawn tal-aħħar kienu ammettew li qegħdin isibuha diffiċli jsibu ħaddiema Maltin. Dan tat opportunita' liż-żgħażagħ tagħna jkollhom lezzjonijiet prattiċi fil-kċina tal-lukanda, mhux biss fil-klassi. B'dan il-mod, it-teorija bdiet isseħħ fil-prattika, xi ħaġa li aħna l-edukaturi ma kellniex aċċess għalih.
Il-proġett mar tajjeb ħafna u fit-28 ta' Ġunju kellna 'Gala Dinner' għal iktar minn 80 ruħ fejn l-istudenti sajru u servew l-ikel li preparaw il-Hilton. Minn din il-kollaborazzjoni, ħarġet iktar kollaborazzjonijiet ma' lukandi oħrajn ta' ħames stillel f'Malta u Għawdex li joffru s-suġġett tal-Hospitality VET. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjieg laqa' din l-inizzjattiva mill-KNŻ. Qiegħed jitlesta' abozz ta' ftehim ta' qbil li se jidħol fis-seħħ minn din is-sena skolastika stess.

Din il-miżura se taffettwa iktar minn 800 żgaħżugħ fis-sena, bil-possibilita ta' impjieg fl-industrija.
Assistejt u għent lill-kollegi tiegħi fil-kunsill fl-organizzazzjoni ta' diversi avvenimenti bħal dibattitu fuq il-politika, 'Front Line', l-'Info Pack', kif ukoll il-25 sena Anniversarju.

2016/7

## Martina **CAMILLERI**
## l-Uffiċjal Finanzjarju

Matul din l-ewwel sena tiegħi fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, ħdimt fuq diversi proġetti, kemm dawk relatati mal-irwol tiegħi ta' Uffiċjal Finanzjarju u anke dawk b'kollaborazzjoni ma' uffiċċji oħra fi ħdan il-Kunsill.

L-ewwel prijorita' tiegħi matul din is-sena kienet illi l-kotba finanzjarji tal-Kunsill jibqgħu dejjem aġġornati u organizzati. Dan ifisser li kien hemm moniteraġġ kontinwu ta' kull dħul u infiq tal-flus. Ħadt ħsieb ukoll li jsiru stimi tal-infieq u d-dħul qabel kull attivita organizzata mill-Kunsill. B'hekk kull membru tal-Kunsill kien ikun jista' jippjana u jorganizza l-attivita' skont l-ammont mogħti lilu.

Fil-passat, id-dħul tal-Kunsill seta' ma kienx qed jintuża bl-aħjar mod possibli jew bl-iktar mod effiċjenti. Għalhekk, aċċertajt illi l-flus jitħaddmu bl-aħjar mod possibli biex jirriflettu iż-żieda fil-kwalita' u l-kwantita' tax-xogħol tal-Kunsill, u fl-istess ħin jifdal ammont ta' kapital illi jiżgura li l-Kunsill ikollu biżżejjed flus biex jibqa' jaħdem fis-snin li ġejjin u tiġi ssalvagwardjata l-kontinwazzjoni tal-Kunsill.

Ghall-ewwel darba f'din is-sena bdiet il-ħidma għal kollaborazzjoni ma' diversi kumpaniji stabbiliti. B'hekk dawn ikunu jistghu jgħinu lill-Kunsill kemm minn lat ta'

2016/7



assistenza finanzjarja, kif ukoll permezz ta’ riżorsi ohra. Dan hu essenzjali biex il-Kunsill ikun jista jikber fil-preżenza u jseddaq il-kwalita’ tax-xoghol li jagħmel.

Għal darba’oħra, din is-sena, il-Kunsill reġa’ fetaħ il-Fond Kulturali taż-Żghażagħ. Dan hu fond immirat ghal zgħażagħ bejn ħmistax u ħamsa u tletin sena li jixtiequ jipparteċipaw f’xi attivita jew dixxiplina artistika jew kulturali. Dan il-fond se jibqa’ miftuħ sal-aħħar tas-sena. S’issa diġa kellna diversi applikazzjonijiet għalih. Din is-sena għamilna pass ieħor permezz ta’ tnedija ta’ fond iehor, il-Fond tal-Opportunitajiet. L-iskop ta’ dan il-fond huwa għal dawk iż-żgħażagħ li huma interessati li jirrapprezentaw lil xi Organiżżazzjoni taż-Żgħażagħ partikolari f’attivitajiet internazzjonali, jew barra mill-pajjiż.

Fuq nota personali, f’Ġunju li għadda ipparteċipajt f’konferenza dwar s-Southern European University. Is-Southern European University hi konferenza li fiha jipparteċipaw diversi żgħażagħ mill-pajjizi fin-nofsinhar tal-Ewropa.

Nemmen li dan ix-xoghol li twettaq matul din is-sena iħeġġiġni biex inhares ‘l quddiem lejn iktar xogħol fejjiedi fost iż-żgħażagħ.

2016/7

## Monique **AGIUS**
## l-Uffiċjal ta' Relazzjonijiet Pubbliċi



Matul din is-sena, kelli l-opportunita' li naħdem ma' diversi uffiċji fil-KNŻ. Dan minħabba li l-kuntatt bejn id-dinja tal-KNŻ u hemm barra jrid dejjem jibqa' jissaħħaħ u hemm bżonn li kull uffiċju fi ħdan il-KNŻ iwwassal il-vuċi tiegħu biex b'hekk il-KNŻ jkompli jilħaq iktar iż-żgħażagħ tagħna. Naħseb l-ikbar uġiegħ ta' ras kienet is-sit tal-KNŻ li fl-aħħar qiegħda onlajn. Komplejna nżidu l-preżenza tagħna onlajn permezz tal-mezzi soċjali, Facebook b'posts iktar regolari, Twitter u issa ukoll fuq Instagram.

Il-passat tiegħi bħala ambjentalista' affettwa ukoll ħidmiti fi ħdan il-kunsill, hekk kif ktibt u ressaqt għall-approvazzjoni tal-eżekuttiv il-politika tal-kummerċ ġust u l-ambjent fil-ħidma tal-Kunsill. Din għandha tkun disponsibbli iktar tard fuq is-sit tagħna, kif ukoll se jkun hemm workshops miftuħin kemm għal għaqdiet, kif ukoll għaż-żgħażagħ inġenerali. Personalment nixtieq li l-għaqdiet membri jaddottawha jew jaddattaw minnha dak li hu possibli għalihom.

Wara laqgħa li saret bejn il-KNŻ u l-MaltaToday, se nkunu qegħdin nħabbru blogg għall-gażżetta li toħroġ l-Erbgħa. Dan se jagħti spazju lill-għaqdiet sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom u jiktbu fuq suġġetti varji li jolqot lilhom biex b'hekk nilħqu udjenza ikbar flimkien.

2016/7

YEARS OF
YOUTH
ACTIVISM





# 2016/7

## Jasmine **FARRUGIA**
## l-Uffiċjal Nazzjonali

L-enerġija u l-entużjażmu li kelli ta' 14–il sena meta kont parteċipanta fil-Parlamant Nazzjonali taż-Żgħażagħ ittrasmettejta kemm jista jkun f'xogħli bħala Uffiċjal Nazzjonali.

Mal-ħatra ta' Uffiċjal Nazzjonali, għent lil Michael Piccinino fil-preparamenti tas-seduta tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2016. Wara is-Seduta, ħadt ħsieb norganizza l-laqgħat tal-parteċipanti mal-Prim Ministru u Kap tal-Oppożizzjoni, kif ukoll il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati tal-parteċipanti mill-President ta' Malta.

Wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikati, bdejt nipprepara għall-edizzjoni 2017 tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ (NYP). Din is-sena għamilna t-tnedija tal-applikazzjonijiet tal-NYP fi Frar, kmieni kumparat mas-snin ta' qabel sabiex nilħqu nattiraw aktar żgħażagħ biex japplikaw u jieħdu sehem. It-tnedija saret permezz ta' konferenza stampa quddiem l-Parlament ta' Malta flimkien mal-Onor. Chris Agius u l-Onor. David Agius. Għad-differenza tas-snin ta' qabel, bgħatna ċirkolari mal-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex sabiex nħajru żgħażagħ ta' 13-16–il sena japplikaw. Apparti minn hekk, għal dawk iż-żgħażagħ li għandhom 19–il sena 'l fuq, użajna l-midja soċjali biex nattirawhom kif ukoll ħadna sehem fl-,Organisation Days' ġewwa l-Universita' fejn irċivejna rispons tajjeb ħafna.

2016/7



Din is-sena introduċejna l-mentor system, fejn kull partit kellu mentor esperjenzat jew espert fuq is-suġġett biex jiggwida lil-partecipanti. Organizzajna diversi workshops għall-parteċipanti, fosthom public speaking workshops mat-trainers tal-JCI, kif ukoll mat-trainer professjonali tal-ESU.

Organizzajna ukoll workshop rigward il-proċedura fil-Parlament u din is-sena żidna tour mal-Parlament ghall-partecipanti sabiex jiffamiljarizzaw ruhom mal-ambjent tal-Parlament qabel is-seduta officjali. Erġajna introduċejna l-'live-in' ghaż-żgħażagħ li għandom bejn it-13 u it-18 –il sena, li nista ngħid kien ta' success aktar milli stennejna. Il-'live-in' sar fuq 3 ijiem ġewwa Villa Psaigon u kien jinvolvi kemm sessions informattivi, kif ukoll attivitajiet soċjali bhal BBQ, nighthike u waterfight sabiex iż-żgħażagħ jieħdu gost ukoll. Il-preparamenti ta' matul is-sajf, kemm il-live-in u l-workshops irriflettew tajjeb fil-ġurnata tas-Seduta li seħħet nhar it-13 ta' Settembru 2017, għaliex il-partecipanti setgħu jattwaw b'kunfidenza dak li tgħallmu.

Wieħed mil-għanijiet għal din is-sena kien li ninvolvu aktar żgħażagħ, bħala uffiċjal Nazzjonali, rajt kif noħloq attivitajiet ġodda sabiex nilħqu dan l-għan. Filfatt fl-20 ta'Awwissu organizzajna għal-ewwel darba, fiera tat-teknologija; 'The National Youth Technology and Innovation Fair' ġewwa l-Belt Valletta.

2016/7

Bħala preparamenti għal din il-fiera ħloqna sotto kumitat sabiex apparti l-KNZ żgħażagħ oħra jkunu involuti b'mod sħiħ. Din il-fiera ġabet diversi sfidi finanzjarji u loġistiċi iżda għal darba oħra kienet attivita' ta'suċċess bis-saħħa tal-bord ezekuttiv kollu tal-KNZ. Kien hemm 12 il-stand differenti b'varjeta' ta' startups, wiri ta'xogħol artistiku, għaqdiet taż-żgħażagħ u intrapriżi żgħar.

Attivita' oħra li kelli l-pjaċir nieħu ħsieb li norganizza kien l-anniversarju tal-KNŻ. Din is-sena hija specjali għall-KNŻ ghax timmarka 25 sena minn mindu twaqqaf. Għażilna li nagħmlu avveniment f'lukanda biex niċċelebraw u ftaħna l-istedina tagħna għall-għaqdiet membri tal-KNŻ, kif ukoll għaż-żgħażagħ oħrajn li xtaqu jiġu. Ikkuntatjajna wkoll eks-membri tal-eżekuttiv tal-KNŻ sabiex jerġgħu jiltaqgħu flimkien wara dawn is--snin kolla. Ghal dan l-avveniment attendendew il-Prim Ministru, l-President u diversi Membri Parlamentari. F'din l-okkażjoni tkellimna ukoll dwar l-istorja tal-KNŻ u ħabbarna l-websajt il-ġdida tal-KNŻ.

Tul din is-sena, apparti li ħadt ħsieb il-loġistika ta' dawn l-avvenimenti, kelli l-opportunita wkoll li niżviluppa l-iskills grafiċi tiegħi, hekk kif għamilt ħafna mid-designs ta' dawn l-attivitajiet msemmija bħal cover photos, posters u leaflets. Il-ħidma fi ħdan l-Uffiċju Nazzjonali ma tieqafx hawn għaliex fil-ġimgħat li ġejjin għandna pjanat diversi laqgħat għal parteċipanti tal-NYP mal-bord tal-Valletta 18, kif ukoll mal-Prim Ministru ta' Malta. Bi pjacir ngħid li tul din is-sena dan l-uffiċju involva b'mod dirett u attiv madwar 130 żgħażugħ differenti. Inħares 'l quddiem biex nibqa' naħdem u nirrappreżenta żgħażagħ oħra f'xogħli.

2016/7

## Sara **EZABE**
## l-Uffiċjal għall-Politika u d-Drittijiet

Qabel ma bdejt nikteb dan ir-rapport, kelli noqgħod bil-qiegħda għal xi ftit ħin u nirrifletti fuq is-sena tiegħi f'dan il-kunsill u fuq ir-rwol tiegħi bħala Kummissarju għal Politika Pubblika u Drittijiet. Kien hemm numru ta inizjattivi u avvenimenti li ġew introdotti fil-kunsill minni. Tnejn mill-aktar avvenimenti li ikkunsmaw ħafna ħin u ħsieb kienu “Actors for Change " u “Raise Your Voice ". Atturi għall-Bidla kienet konferenza ta nofs ġurnata li ġabet flimkien iż-żgħażagħ biex jipparteċipaw f'workshops biex jaqsmu l-ideat tagħhom dwar sett ta' kwistjonijiet politiċi u joħorġu r-rakkomandazzjonijiet politiċi tagħhom. Xi wħud minn dawn is-suġġetti kienu "Skarsezza tal-Ilma", “il-Parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà" u "Edukazzjoni". Min-naħa l-oħra "Raise Your Voice" kienet kampanja bil-għan li tħeġġeġ liż-żgħażagħ biex jitkellmu kontra diskors ta’ mibegħda, speċjalment fuq l-internet. Ġie ppreżentat dokument b'rakkomandazzjonijiet lill-politikanti min-naħat kollha tal-ispettru biex jinkoraġġihom biex ikunu aktar proattivi meta jittrattaw din il-kwistjoni.

2016/7



Dawn l-avvenimenti servew ta kurva ta' tagħlim għalija, li għen biex nersaq aktar lejn żgħażagħ oħra, ksibt esperjenza fl-organizzazzjoni ta 'avvenimenti u lobbying mal-partijiet rilevanti. Inatajt ukoll ir-responsabbiltà li nippresjedi think tank li waqqaft taħt l-isem ta '"Youthink", li ilu jaħdem fuq dokument ta' politika fir-rigward ta’ żvilupp sostenibbli bit-titlu ta' "Bliet sostenibbli". Dan il-grupp jgħaqqad żgħażagħ minn sfondi u kompetenzi diversi li għandhom ideat vijabbli x’jikkontribwixxu. Apparti t-think tank, kont responsabbli wkoll għar-reviżjoni tal-Politika Nazzjonali għaż-Żgħażagħ 2015-2020, kien hemm ukoll grupp ta’ żgħażagħ li għenu fit-twettiq ta' din ir-riċerka. Għal darb'oħra dawn l-esperjenzi ppermettewli nersaq eqreb taż-żgħażagħ. Wieħed mill-għanijiet li kont ikontestajt għal rwol fil-kunsill kien li nipprova nilħaq iż-żgħażagħ kemm jista' jkun biex niżgura li l-kunsill mhux esklussiv għal organizzazzjonijiet ta' studenti li jiffurmaw parti sostanzjali tal-membri tagħna, iżda wkoll biex nilħqu lil żgħażagħ oħra li għandhom esperjenzi u ideat differenti. Dan ovvjament isaħħaħ il-politika u jagħmilha aktar rilevanti għaż-żminijiet attwali. Bħala kummissarju kont ikkontribwixxejt wkoll għal numru ta' konferenzi u diskussjonijiet f'isem il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Barra minn hekk, kelli l-opportunità li naqsam il-ħsibijiet tiegħi mal-bqija tat-tim dwar bosta kwistjonijiet u avvenimenti. Il-kunsill għalija huwa mekkaniżmu importanti ħafna f'demokrazija, li jisma' żgħażagħ oħra u kollettivament nesprimu t-tħassib u s-suġġerimenti tagħna biex nsaħħu is-soċjetà.

2016/7

## Adrian Dominic **ELLUL**
## il-Kummissarju għas-Servizzi taż-Żgħażagħ

Din hija t-tieni leġiżlatura konsekuttiva tiegħi li qed inservi fil-kariga ta’ Uffiċjal għas-Servizzi taż-Żgħażagħ. Dan il-portafoll jinkludi l-ħolqien ta’ relazzjoni aktar b’saħħitha bejn il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ u l-Aġenzija Żgħażagħ, flimkien mal-promozzjoni ta’ servizzi mmirati għaż-żgħażagħ fuq bażi lokali u kif ukoll nazzjonali.

Matul l-ewwel sena ta’ din il-leġiżlatura ħdimt fuq diversi proġetti tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, sija dawk li kienu proġetti relatati direttament mad-dekasteru tieghi u kif ukoll b’kollaborazzjoni ma’ kollegi tiegħi fl-istess Kunsill.

Tul din l-aħħar sena, għent biex jinħadem materjal printjat u onlajn permezz tal-photoshop. Uħud mill-kampanji u attivitajiet li kkollaborajt fihom kienu l-attività ‘Meet and Mingle’ li serviet biex l-għaqdiet membri jsiru jafu l-membri ġodda ta’ dan l-Eżekuttiv, il-kampanja ‘Actors of Change’, il-workshop dwar Hate Speech and Hate Crime li sar f’kollaborazzjoni mal-People for Change Foundation, il-‘Gozo Youth Debate’ li sar bl-inizjattiva tal-Uffiċjali għal Għawdex

2016/7



f'dan l-Eżekuttiv, in-'National Youth Technology and Innovation Fair' li saret b'kollaborazzjoni mal-Uffiċjal Nazzjonali, l-attività ta' 'Freshers' Week' u l-attività li llum saret sinonima ma' dan il-Kunsill, il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Tkompliet ħidma ukoll fuq il-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Tul l-aħħar xhur saru laqgħat mas-Sezzjoni Kunsilliera Partit Laburista u mal-Kulleġġ Kunsilliera Partit Nazzjonalista fuq kif nistgħu naħdmu flimkien bil-għan li nżidu l-Kunsilli Lokali Żgħażagħ ġewwa pajjiżna. Saru wkoll taħdidiet ma' diversi Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex bil-għan li nħajjruhom jingħaqdu magħna fuq dan il-proġett ambizzjuż. Ma' nistax ma nirringrazzjax lill-Uffiċjali għal Għawdex għall-għajnuna dejjiema tagħhom f'dan ir-rigward.

Tul l-aħħar sena kont ukoll impenjat fuq bażi internazzjonali, fejn kont wieħed mid-delegati li kont qed nirrapreżenta lil dan il-Kunsill u lil pajjiżna waqt il-'European Youth Conference' li saret f'Marzu li għadda f'Malta. Tul Settembru kont impenjat nirrapreżenta lil pajjiżna waqt Task Force organizzata mill-European Youth Forum fuq il-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ.

2016/7

Waqt din it-Task Force ħriġna b'diversi rakkomandazzjonijiet li se jiġu preżentati lill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru li ġej. Fl-aħħar ta' Settembru kont qed nirrappreżenta lil pajjiżna ġewwa Spanja waqt Partnership Building Activity organizzata mid-DYPALL Network flimkien mas-Segretarju Ġenerali ta' dan il-Kunsill.

Bi kburija ngħid li din kienet waħda mill-iktar snin impenjattivi u li sar xogħol siewi minn dan il-Kunsill f'dawn l-aħħar snin. Il-perfezzjoni fid-dinja diffiċli tintlaħaq, imma konvint li bit-tajjeb u l-ħażin tagħna, qed jirnexxielna nerġgħu nkabbru r-reputazzjoni ta' dan il-Kunsill. Inħares 'il quddiem għal sena oħra b'aktar ħidma u suċċessi mhux biss għal dan il-Kunsill, iżda għaż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin kollha.

2016/7





# 2016/7

## Neil **SMART COSTANTINO**
### l-Uffiċjal Internazzjonali

Hekk kif qegħdin nagħlqu l-ewwel sena tat-terminu tagħna, nixtieq nieħu din l-opportunita' biex nippreżenta l-ħidma tiegħi bħala Uffiċjal għall-Affarijiet Internazzjonali u Ewropej. Hekk kif beda t-terminu, jien aċċertajt li jsir handover denju mal-International Officer preċidenti, speċjalment fejn jidħlu affarijiet ta' korrispondenzi m'għaqdiet barranin, speċifikament dawk membri tal-European Youth Forum u dawk tas-Southern Youth Councils. Għaldaqstant, jien assigurajt li jiġu infurmati dawn l-għaqdiet, u apparti dawn stake holders, awtoritajiet u politikanti oħrajn li magħhom rajna li nikkolaboraw.

Immedjatament wara li ġejna eletti, organizzajt laqgħat mal-Membri Maltin tal-Parlament Ewropew. Iltqajna mal-MEPs, Therese Comodini Cachia, Miriam Dalli, Alfred Sant u skype Call ma' Roberta Metsola li ma setgħetx tkun Malta. Immedjatament wara li ġie elett eventwalment, rajna li niltaqgħu wkoll mal-MEP Francis Zammit Dimech. F'dawn il-laqgħat semmejna kif iż-żewġ partijiet nistgħu nikkolaboraw. Infatti, minn dawn il-laqgħat ħarġet l-idea ta' kollaborazzjoni li saret mal-MEPs lejn Marzu.

F'Novembru, jien, flimkien mal-President Michael Piccinino, tlajna Varna għal Laqgħa Ġenerali Annwali tal-European Youth Forum,

2016/7



fejn hemm ġie elett eżekuttiv ġdid, u l-KNŻ uża d-dritt tal-vot tiegħu u ddiskutejna mal-bqija tal-għaqdiet. Eżattament wara, jien bqajt direttament Brussell, flimkien mal-Presidency Officer, Kurt Vella, għall-iSteering Committee. Hawnhekk ddiskutejna, flimkien ma' rappreżentanti tal-Youth Forum u Aġenzija Żgħażagħ, programm għall-Youth Conference li kienet ser tiġi organizzata ġewwa Malta ftit tax-xhur wara li tibda l-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Qabel din il-konferenza, ospitajna ġewwa Malta lil membri tal-European Youth Forum, li ġew Malta għal xi diskussjonijet qabel il-Konferenza. F'din il-konferenza, li saret f'Marzu, konna preżenti wkoll bħala KNŻ. Ipparteċipaw ukoll membri oħrajn tal-eżekuttiv. Konna parti minn Workshops varji fejn fihom ġew diskussi affarijiet bħal impjiegi għaż-żgħażagħ, Erasmus, l-edukazzjoni fost oħrajn.

Ftit ġimgħat wara ilqajna ġewwa Malta lil membri tas-Southern Youth Councils. Ospitajnihom ġewwa l-lukanda San Anton, u saru laqgħat rigward il-policies li kien ser ikun qiegħed jintroduċi il-European Youth Forum. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja b'mod partikolari lil Naomi Bugre u Sean Ellul, għar-raġuni li dejjem kienu lesti biex jagħtu daqqa t'id fejn tidħol ħidma mas-Southern Youth Councils. Apparti minn hekk, nixtieq nirringrazzja lil bqija tal-eżekuttiv li kien hemm drabi li attendew attivitajiet barra minn pajjiżna għaliex jien kont indispost. Dejjem rajna li naħdmu tajjeb b'mod kollettiv.

2016/7

F'April ħriġna Quiz onlajn fuq l-Unjoni Ewropea, bħala kompetizzjoni f'kollaborzzjoni mal-Membri tal-Parlament Ewropew. Dan sar f'kollaborazzjoni mal-MEPs, Therese Comodini Cachia, Miriam Dalli u Roberta Metsola. Ladarba l-MEP Comodini Cachia ċediet posta, l-MEP Zammit Dimech aċċetta li jżomm mal-ftehim li kienet daħlet għalih Comodini Cachia u xorta waħda ttellgħet persuna. Il-quiz kien jinkludi mistoqsijiet relatati mal-Unjoni Ewropea sabiex jiżdied l-interess fuq is-suġġett. Iktar minn 300 persuna ipparteċipat, u 4 persuni ingħataw l-opportunita' li jitilgħu jaħdmu qrib tal-MEPs.

Ftit wara, ġie ffurmat l-International sub-committee, li jinkludi lil Beppe Galea, Pamela Cann Rodgers u Maria Ellul, u kif ukoll l-uffiċjali Internazzjonali tal-għaqdiet. Hawnhekk nedejna il-pjan għal konferenza bit-titlu, "Issa xi jmiss għal Malta fl-Unjoni Ewropea? Wara l-Presidenza." Wara diskussjonijiet mal-Uffiċju għal-Parlament Ewropew f'Malta, u l-MEPs, din ser tkun qed ssir fl-1 ta' Diċembru. Apparti minn hekk, flimkien mal-uffiċjal finanzjarju Martina Camilleri, qegħdin naħdmu fuq pjan biex nkunu nistgħu nniedu l-International Opportunity Fund, biex ittaffi mill-ispejjeż li membri tal-għaqdiet membri tal-KNZ ikollom x'jonfqu biex jipparteċipaw f'konferenzi barra minn Malta. Fl-aħħar nett, wara li ġiet launched il-websajt il-ġdida tal-KNZ, nista' ngħid li diversi opportunitajiet internazzjonali li jintbagħtu lilna, qegħdin fuq il-websajt tagħna u kwalunkwe żgħażugħ u żagħżugħa jista' japplika.

2016/7

## Eman **BORG**
## l-Uffiċjal Reġjonali Għal Għawdex

Din l-aħħar sena bhala ufficċjal reġjonali għal Għawdex b'responsabiltajiet għaż-żgħażagħ kollha Għawdxin u b'unur, bħala l-ewwel Għawdxi f'eżekuttiv tal-KNŻ nominat minn għaqda Għawdxija ħdimt għal viżibilita' sħiħa u vuċi nazzjonali b'eku reġjonali għaż-żgħażagħ kolhla. Dan mhux biss għal ħuti Għawdxin. Dan sar permezz ta' stqarrija pubblika favur ta' iktar installazjonjiet fejn jidħlu Gender Neutral Bathrooms madwar Malta u Għawdex fejn issuġġerejna li negozji, postijiet pubbliċi u oħrajn jinstallaw dawn l-istess Bathrooms. Kien filfatt għalhekk li il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ beda b'installazjoni fl-uffiċini tiegħu stess.
Kien ta' żmien eku li jkun hemm kommunikazzjoni bejn l-għaqda universitarja ta' Għawdex, il-GUG u l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, fejn djalogu informali u formali beda komunikazzjoni ma' din l-għaqda u għaqdiet oħrajn Għawdxin li jaħdmu fost żgħażagħ Għawdxin.

2016/7



Ma' dan, inkluż ukoll ħidma sfiqa u bżonnjuża mhux biss fuq livell reġjonali, pero' ukoll nazzjonali:

-Inklużjoni ta' suġġett fuq Għawdex fil-Parlament taż-Żgħażagħ - 'Għawdex u l-poter reġjonali'

- B'sinerġija ma' kampanja ġewwa Malta, 'blood donation campaign' ġewwa Għawdex
- 'Workshops' fuq *Public Speaking*
- Re-introduzzjoni tal-'Gozo Youth Debate' fuq bażi annwali
- Motivazzjoni biex żgħażagħ Għawdxin ikunu membri ta' diversi sotto kumitati fi ġdan il-KNŻ
- Laqgħat mal-MCAST fuq kolloborazzjoni fuq diversi setturi
- Rappreżentant tal-KNŻ f'konferenzi kemm lokali, kif ukoll internazzjonali.

Bis-sosten ta' sħabi, ħdimt ukoll fuq 10 proposti fuq għarfien ta' saħħa sesswali iktar miftuħ u edukazzjoni dwar diversi mard trasmess sesswalment. Dan biex ukoll nindirrizzaw iktar l-importanza ta' djalogu miftuħ fuq suġġett tant impitter b'mod negattiv. Din il-ħidma issa tkompli magħkhom l-organizzazzjonijiet tal-KNŻ għal implimentazzjoni ta' dawn il-proposti.

"Linking the bridge between Gozitan youths and Maltese youths can only be done if we remove the mental barriers of two islands and respect the fact that we are indeed all under one representative council" - dan għedtu meta ġejt elett parti minn dan il-kumitat u nerġa nsemmih illum.

2016/7

William **VELLA**
*Liaison Offier*
Għal Għawdex

Tul din is-sena, żewġ avvenimenti importanti li saru u li kienu parti mill-kalendarju tal-Kunsill Nazzjonali għaż-Żgħażagħ ġewwa Għawdex kienu l-għoti tad-demm ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u "The Gozo Youth Debate".

Il-kampanja tal-għoti tad-demm kienet kampanja nazzjonali fejn il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ ippromwova l-importanza li wieħed jagħmel att ġeneruż bħal kif inhu dak tal-għoti tad-demm, filwaqt li kien hemm diversi attivitajiet li saru fil-kampus tal-Universita ta' Malta u madwar Malta u Għawdex. L-attivita' tal-għoti tad-demm f'Għawdex saret fl-isptar ġenerali t'Għawdex. Fl-istess ħadd meta dak li kien qiegħed isir f'Malta, sar f'Għawdex u numru sabiħ ta' Għawdxin ġew bi ħġarhom għal dan l-att nobbli biex jagħtu d-demm. Numru sabiħ ta' boroż tad-demm inġabru. Dan kompla jawgura mal-fatti illi ħdimnha bi ħgarna sabiex dan l-avveniment ikun ta' success. Avveniment ieħor li kien ta' suċċess kien il-'Gozo Youth Debate;. Dan id-dibattitu kien immirat biex jistimulha il-ħsibijiet u jiġġenera dibattitu miż-żgħażagħ għawdxin fuq kwistjonijiet li jaħarqu bħall-kwistjoni tal-mina, kwistjonijiet LGBTI, ix-xogħol f'għawdex u sfidi oħra li żgħażagħ għawdxin jaffaċjaw irwieħhom

2016/7



bihom meta jiħu biex jaqsmu għall-gżira ta/ Malta biex jaħdmu jew jistudjaw Malta.

Apparti dan l-ippjanar u l-immaniġjar ta' avvenimenti li semmejna, jien kont t'għajnuna wkoll f'avvenimenti oħra li saru u li kienu parti mill-kalendarju tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

Avvenimenti li huma fil-kalendarju tal-KNŻ se jkunu jinkludu l-'MEPs conference' ġewwa għawdex, il-bidu tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ u 'football tournament' ġewwa Għawdex għas-sena 2018.

2016/7







2016/7

## Chiara **VASSALLO**
### l-Uffiċjal tal-Proġetti

Matul din is-sena li kont f'dan il-kunsill, ħdimt biex ngħin u nappoġġja l-bqija tal-eżekuttiv tiegħi fil-proġetti tagħhom. Din inkludiet iżda ma kinitx limitata biss għall-assistenza loġistika u l-isponsorjar tal-'National Youth Tech and Innovation Fair', 'Freshers' Week 2017' u l-25 Anniversarju ta' KNŻ. Wieħed mill-proġetti li ħdimt l-aktar fuqu kien 'Frontline', l-ewwel open bar li organizzat KNŻ bil-għan li niċċelebraw Jum iż-Żgħażagħ maż-żgħażagħ oħra Maltin u Għawdxin. Flimkien mal-bqija tal-eżekuttiv, aħna assigurajna li dawk kollha li attendew setgħu jgawdu lilhom infushom waqt li kif ukoll jingħaqdu flimkien magħna biex jikkommemoraw ġurnata tant speċjali għal dan il-kunsill. Peress li dħalt mat-tim wara l-kumplament ta' shabi, kont inkarigata ukoll fl-organizzazzjoni ta' team building għall-eżekuttiv biex niżguraw kooperazzjoni bla xkiel bejnietna. Barra minn hekk, ġejt assenjata il-kompitu tal-kumpilazzjoni ta' lista sħiħa tal-membri eżekuttivi kollha tal-passat tal-

2016/7



sabiex ikollna rikordju tajjeb tan-nies li ħadmu u ddedikaw il-ħin tagħhom għall-kunsill. Ħadt ħsieb il-kumpilazzjoni ta’ proposti ta' Qabel il-Baġit li jaffettwaw liż-żgħażagħ li ppreżentajna lill-gvern għall-konsiderazzjoni tagħhom. Filfatt, aħna kburin li nistgħu ngħidu li għadd konsiderevoli ġew inklużi fid-dokument tal-Baġit finali. Ingħaqadt ma' membri oħra tat-tim biex ngħin fis-Sotto kumitat tal-Impjiegi taż-Żgħażagħ biex jiżgura li ż-żgħażagħ kollha jintlaħqu u mhux sempliċement dawk li għadhom qed jistudjaw. L-esperjenza favorita tiegħi s'issa kienet meta kelli l-opportunita biex nirrappreżenta lil Malta fil-Presidenza Estonjana lill-Kunsill tal-UE fejn aħna iffokajna fuq il-futur taż-żgħażagħ u l-qasam tagħhom fl-UE, smart youth work u volontarjat taż-żgħażagħ. Jiena kburija li għandi din il-pożizzjoni u li nifforma parti minn dan il-kunsill li fiha se jkolli l-opportunità li nagħmel aktar inizjattivi u proġetti possibbli għal KNŻ. Ninsab ħerqana biex nkompli naħdem aktar u aktar mal-kollegi tiegħi, ma’ żgħażagħ u organizzazzjonijiet oħra għall-aħjar taż-Żgħażagħ Maltin u Għawdxin.

2016/7

# Kurt **VELLA**
## l-Uffiċjal Għall-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea



F’dan it-terminu, xogħli fil-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ kien li nservi bħala uffiċjal inkarigat mil-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja. F’dawn ix-xhur fejn jien għamilt parti mil-KNŻ, kont involut f’dak kollu li kellu x’jaqsam għal-koordinazzjoni tal-‘European Youth Conference’ li saret f’Malta. Għall-preparazzjoni ta’ dan, jien mhux biss assistejt lil Aġenzija Żgħażagħ u servejt bħala punt ta’ referiment bejn l-gvern u l-aġenzija Maltija u l-European Youth Forum, iżda wkoll kont attiv fil-European Steering Committee; l-kumitat magħmul mil-pajjiżi tat-trio presidency; l-European Youth Forum u l-Kummissjoni Ewropeja. Ix-xogħol li kien isir f’dan l-kumitat kien idur mal-koordinazzjoni u l-preparamenti għall-European Youth Conference. Apparti li ħdimt fuq l-European Youth Conference li kella ssir Malta, komplejt naħdem fuq xogħol li kien sar fil-passat. Dan inkluda xogħol f’workshops li it-tir tagħhom kien li naraw x’ħareġ minn Structure Dialogues passati u x’kien implimentat tul is-snin fil pajjiżi diversi tal Unjoni Ewropea.

2016/7








2016/7



